MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-27 ta' April, 2006

Numru 394/2003

Il-Pulizija
(Spett C Galea Scanura)

vs

John Vella

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat John Vella ta’ karta ta’ identita’ numru 351080(M) mixli li:

1. b’diversi atti fix-xahar ta’ Mejju 2001, b’qerq, iddistrugga, ma halliex shah, jew seraq dokumenti, processi, jew karti ohra registrati, ghad-dannu tal-kumpanija Maltapost;
2. fl-istess zmien ikkommetta serq ta’ ittri ghad-dannu ta’ l-istess kumpanija, liema serq hu aggravate bil-persuna;

3. Fl-istess zmien approprja ruhu billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra diversi ittri li l-valur taghhom ma jaqbiz il-mitt lira, liema ittri gew fdati lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u dan ghad-dannu tal-Maltapost;
4. talli l-imsemmija ittri gew fdati lilu minhabba l-professjoni, industrja, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu jew minhabba depositu necessarju;

Il-Qorti mitluba sabiex f'kaz ta' htija tapplika l-piena skond il-ligi u tipprovdi skond l-Artikolu 533 tal-Kap 9.

Rat il-kunsens tal-AG sabiex il-kawza tinstema' sommarjament, mhux opposta;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat in-nota tal-ossevazjonijiet tal-imputat;

Ikkonsidrat:

Illi l-Qorti taqbel li l-imputat huwa akkuzat bir-reat ta' serq aggravat bil-persuna fit-termini tal-Artikolu 261(d) u 268(c), u b'approprazzjoni bla jedd fit-termini tal-Artikolu 293 u 294 tal-Kodici Kriminali.

Il-fatti kif murija mill-provi in atti huma li l-imputat gie rappurtat minn martu (illum separata minnu u li fi zmien tar-rapport il-proceduri ta' separazzjoni kienu pendenti) li fil-waqt li kien pustier impjegat mal-Maltapost kien jiehu posta d-dar u jiftaha; izda mhux hekk biss, billi zdiedet tghid li sahhansitra kienet haddietlu erba' xkejjer mill-kbar (il-blu) mimlijin posta fil-fond f'Marsascala fejn kien mar joqghod. Dan martu stqarritu fl-inkjesta, esebita in atti, izda mhux viva voce quddiem din il-Qorti stante id-dispost tal-Artikolu 635 (Kap 9). Il-prosekuzzjoni ghalhekk kienet kostretta tipprova l-akkuzi taghha minn fatti estranji indipendenti minn dak li stqarret martu u l-prova jew il-provi huma ghal kollox nieqsa. M'hemm assolutament

xejn li jista b'xi mod jikkollega l-imputat mar-reati lilu addebitati ghajr seba' ittri li nghataw minn martu lill-Maltapost li 'per se' ma jippruvaw xejn kontra l-imputat. Il-prova trid tkun cara u tista' titnissel minn fatti cirkostanzjali. Fil-kaz in disamina pero' il-provi, jekk tali tista' ssejhilhom, huma mibnija fuq supposizzjonijiet u kongetturi li m'huma prova ta' xejn. Anzi l-fatt li ma nstab xejn fit-tficcija li l-pulizija ghamlu ghand l-imputat abbinat mal-fatt li ebda rapport ma jirrisulta li wasal ghand il-Maltapost minn xi wiehed mid-destinatarji tal-erba' tixkejjer ittri, li nghad li zamm l-imputat, ghamilha ghal kollox improbabbli li dak li gie rrapurtat ghandu mill-veru.

Illi l-Qorti ser tieqaf hawn fil-waqt li tiddikjara l-imputat mhux hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u tilliberah minn kull htija u piena.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------